**14 ta' Marzu, 1994**

**Imħallfin:-**

**S.T.O.Prof. Guseppe Mifsud Bonniċi LL.D. – President.**
**Onor Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor Noel V. Arrigo LL.D.**

Anthony Mizzi

*versus*

Gertie Bugeja – u b'digriet tas-17 ta' April, 1984, stante l-mewt tal-istess Gertie Bugeja fil-mori tal-kawża, l-ġiudizzju ġie trasfuż f'isem Ignatius Bugeja, Patricia neé Bugeja mart Anthony Bartolo Parnis u Anna neé Bugeja mart Lawrence Wirth, ilkoll bħala eredi ta' Gertie Bugeja – Winnie Camilleri – u b'digriet tat-18 ta' Jannar, 1989, stante l-mewt fil-mori tal-kawża ta' Winnie Camilleri, il-ġudizzju ġie trasfuż f-isem Ignatius Bugeja bħala wieħed mill-eredi ta' Winie Camilleri – u Ignatius Bugeja.

## L-"occhio" ta' Kawża – Persuna Fiżika – Persuna Ġuridika.

*L-"occhio" ta' kull kawża għandu jindika jew isemmi l-partijiet kollha fil-kawża li fil-konfront tagħhom is-sentenza ta' dik il-kawża trid tagħmel stat, tkun torbot, li fil-konfront tagħhom tkun tista' tiġi eżegwita;*

*Id-distinzjoni li trid issir hija bejn persuna fiżika, li tkun parti f'isimha propja u l-persuna fiżika li tkun qed tirrappreżenta persuna oħra, kemm jekk din tkun waħda fiżika u kemm jekk tkun ġuridika jew legali, billi biħ l-aħħar persuna tkun il-parti awtentika in kawa.*

Il-Qorti: -

*Omissis;*

5. Fil-31 ta' Ottubru, 1991, l-imsemmija Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ippronunzjat is-sentenza tagħha li biha ċaħdet l-eċċezzjonijiet mogħtija, u akkoljiet it-talbiet attriċi u pprefiġġiet terminu ta' xahar għall-iżgumbrament ta' Ignatius Bugeja, mill-fond;

6. Kontra s-sentenza appellaw Ingatius Bugeja propio et nomie, Patricia Bartolo Parnis u Anna Wirth, u adduċew bħala l-ewwel aggravju tagħhom illi s-sentenza hija nulla għaliex ġiet ippronunzjata, kif jirrakonta "l-occhio" fil-konfront ta':-

"Gertie Bugeja, b'digriet tas-17 ta' April, 1984, stante l-mewt ta' l-istess Gertie Bugeja fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Ignatius Bugeja, Patricia nee' Bugeja mart Anthony Bartolo u Anna neé Bugeja mart Lawrence Wirth ilkoll bħala eredi ta' Gertie Buġeja";

u mhux ukoll fil-konfront ta' Ignatius Bugeja, personalment, konvenut oriġinali, kif ukoll bħala eredi ta' Winnie Camilleri billi huwa talab u ottjena li l-atti jiġu trasfużi f'ismu b'digriet tat-18 ta' Jannar, 1989 (fol.69);

U tabilħaqq, kif ġiet ippronunzjata s-sentenza, naturalment bi żvista, tħallew **barra tnejn** (Winnie Camilleri u Ignatius Bugeja) minn tliet konvenuti billi jissemmew dawk li f'isimhom ġie trasfuz il-ġudizzju wara li l-konvenuta Gertie Bugeja mietet ftit żmien wara li bdiet il-kawża. Difatti b'digriet tal-qorti ta' l-ewwel grad tas-17 ta' April, 1984 (fol. 15) il-ġudizzju kontra

Gertie Bugeja ġie trasfuż f'isem Ignatius Bugeja, Patricia mart Anthony Bartolo Parnis, neé Bugeja, u Anna mart Lawrence Wirth, neé Bugeja, ilkoll bħala eredi ta' Gertie Bugeja;

8. L-appellat fir-risposta tiegħu ssottometta illi l-iżball fl-occhio tas-sentenza appellata huwa wieħed ta' dattilografija u mhux wieħed ta' sustanza u għalhekk m'għandux iġib l-annullament tas-sentenza amli għaliex fi kwalunkwe każ, l-iżgumbrament tas-sentenza amli għaliex fi kwalunkwe każ, l-iżgumbrament ġie ordnat kontra Ignatius Bugeja;

9. Din il-Qorti taħseb li għandha tirribadixxi distinzjoni proċeduralment importanti li ħafna drabi tintnesa. L-ewwelnett l-"occhio" ta' kull kawża għandu jindika jew isemmi l-partijiet kollha fil-kawża li fil-konfront tagħhom is-sentenza ta' dik il-kawża trid tagħmel stat, tkun torbot, li fil-konfront tagħhom tkun tista' tiġi esegwita. Id-distinzjoni li trid issir hija bejn persuna fiżika, li tkun parti f'isimha propju - irrispettivament minn kif ħafna drabi impreżiżament tiġi deskritta - u l-persuna fiżika li tkun qed tirrappreżenta persuna oħra, kemm jekk din tkun waħda fiżika u kemm jekk tkun ġuridika jew legali, billi din l-aħħar persuna tkun il-parti awtentika in kawża; bla ħsara (kif tant u tant drabi sirna nsibu fil-liġijiet minn mindu m'aħniex aktar kapaċi ġuridikament naħsbu in sintonia mal-kultura kontinentali) għall-eċċezzjonijiet ovvji meta r-rappreżentat jassumi - *volens nolens* - ċerti responsabbiltajiet personali;

10. F'din il-kawża, Ignatius Bugeja huwa wieħed mill-partijiet oriġinali tal-kawża. Meta mietet il-konvenuta Gertie Bugeja, bħala wieħed mill-eredi tagħha, aċċetta li l-atti jiġu trasfużi f'ismu flok f'isem il-mejta; u l-istess għamel meta mietet il-konvenuta l-oħra Winnie Cammilleri. Dawn l-aċċettazzjonijiet

saru mingħajr kwalifiki u saru f'ismu propju u **mhux f'xi vesti rappresentattiva ta' xi persuna oħra;**

Minn dan isegwi illi kieku fl'occhio'' tas-sentenza dehru biss l-ismijiet ta' Ignatius Bugeja, Patricia Bartolo Parnis u Anna Wirth - **mingħajr kwalifiki ta' xejn** - kollox kien ikun f'postu għaliex il-partijiet in kawża fil-mument tas-sentenza huma dawn il-tlieta u l-ispjegazzjonijiet kif b'liema mod huma l-konvenuti ma kienx ikollu konsegwenza għall-**idonjita' identifikatriċi** u **effikaċità** tas-sentenza, u **nuqqasijiet ta' deskrizzjonijiet** ta' dawk **l-ispjegazzjoniet** ma kinux jimportaw, b'ebda mod, ebda nullità;

Iżda hawn sfortunatament l-''occhio'' għalkemm isemmi t-tliet konvenuti, partijiet fil-kawża, u jispjega kif daħlu tnejn minnhom fil-kawża, fil-każ ta' Ignatius Bugeja jagħti spjegazzjoni żbaljata u fuorvijanti għaliex jispjega li dan daħal fil-kawża għaliex mietet il-konvenuta Gertie Bugeja u għalhekk **minn meta mietet hija,** mentri huwa kien parti fil-kawża sa mill-bidu nett u matul il-ġudizzju kollu, u mhux f'parti minnu biss. Għalhekk mhux possibli li din il-Qorti tħalli l-eżami tal-mertu ta' din il-kawża għal data futura - *si et quatenus*;

11. Għal dawn ir-raġunijiet, is-sentenza appellata qed tiġi annulata u l-atti huma mibgħuta lura quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-operat korrettiv, u reviżur tagħha, skond l-esiġenzi tal-każ;

Spejjeż ta' l-ewwel istanza jridu jiġu rregolati mill-ewwel Qorti, dawk ta' dan l-appell huma mingħajr taxxa bejn il-partijiet.